KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.4.2007
KUMM(2007)240 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI

Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni Finanzjarja tas-Sitt sad-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (EDFs) fl-2006

WERREJ

1. Introduzzjoni ... 3

2. Ġrajjiet Ewlenin u Sinifikanti fl-2006, l-Isfidi ewlenin għall-2007 ... 3

3. Sitwazzjoni finanzjarja tas-sitt sad-disa' EDFs, fi tmiem is-sena 2006 ... 4

4. It-Twettiq ta' programmi ACP b'mod effettiv u mingħajr dewmien: Riżultati mqabbla ma' l-Għanijiet fl-2006 ... 4

4.1. Żieda fil-kwalità, fl-impatt u s-sostenibbiltà tal-programmi ... 5

4.2. It-twassil ta' l-għajnuna aktar malajr ... 8

4.3. Il-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' operazzjonijiet ma' donaturi oħrajn ... 11

4.4. Garanzija ta' ambjent ta' kontroll effettiv, u tal-kontabilità ... 12

4.5. L-implimentazzjoni ta' politika attiva dwar ir-riżorsi umani u t-titjib ta' proċessi interni ... 12

5. Segwitu wara l-kummenti mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri ... 14

5.1. Ir-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri (QA) ... 14

5.2. Rapporti Speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri ... 15

Anness 1: Evoluzzjoni ta' impenji EDF mhux minfuqa ("RAL", 2001-06 (€m) ... 16

Anness 2: Impenji globali ta' l-EDF għall-appoġġ ġenerali tal-baġit, 2002-06 (€m) ... 17

Anness 3: Impenji ġodda globali ta' l-EDF, GBS u SPSP, 2006 (€m) ... 18

Anness 4: Impenji u pagamenti nett, 2006 (€m) ... 19

Anness 5: Kontribuzzjonijiet ta' l-EDF lin-NU u lill-Grupp tal-Bank Dinji, 2005-06 (€m) ... 19

Anness 6: Impenji globali tal-EDF skond l-istrument ta' programmar u ta' iffinanzjar, tmiem l-2006 (€m) ... 20

Anness 7: Stabex – sitwazzjoni pajjiż pajjiż, fi tmiem is-sena 2006 (€) ... 21

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jissodisfa l-Artikoli 96 u 102 tar-Regolament Finanzjarju tad-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF). Dawn jobbligaw lill-Kummissjon biex tħejji rapport kull sena dwar il-ġestjoni finanzjarja ta' l-EDF. Il-Kummissjoni ssottomettiet abbozz preliminari tar-rapport biex ikun rivedut mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri u mill-Kumitat dwar il-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew. Il-verżjoni finali tieħu kont tal-kummenti tagħhom.

2. ĠRAJJIET EWLENIN U SINIFIKANTI FL-2006, L-ISFIDI EWLENIN GĦALL-2007

- L-għanijiet finanzjarji ta' l-2006 – il-Kummissjoni laħqet l-għanijiet kollha tagħha, u ssuperat il-miri tagħha dwar kuntratt u pagamenti, li kien l-ogħla li qatt kienu. Hija stabbiliet ukoll fondi approvati iżda mhux minfuqa, bi tnaqqis sinifikanti fejn jidħlu impenji "qodma" u "rieqda". B'żieda ma' dan, hija għalqet is-Sitt EDF billi ttrasferiet il-fondi kollha li kien fadal għad-Disa' EDF.

- Reviżjoni ta' tmiem il-perjodu tad-Disa' EDF - din kienet saret fl-2006, u bħala riżultat tagħha saru xi aġġustamenti finali fl-allokazzjoni ta' fondi bejn il-pajjiżi u r-reġjuni, u dan jitlob li jitlestew sa l-aħħar l-impenji korrispondenti tal-kumplament tal-fondi tad-Disa' EDF fl-2007, l-aħħar sena tad-Disa' EDF.

- Kontrolli interni u proċeduri - il-Kummissjoni ħadet aktar miżuri biex issaħħaħ il-kontrolli (ara s-sezzjoni 4.4 aktar 'l isfel), iżda l-integrazzjoni ta' l-EDF fis-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Relex (CRIS) ġiet posposta għall-2008 sabiex tingħata prijorità lis-sistema ta' Kontabilità ibbażatta fuq id-dovuti (ABAC), tal-Kummissjoni.

- Persunal – il-moviment ta' impjegati minn u lejn ċerti Delegazzjonijet, għadd kbir ta' postijiet battala fihom, u livelli ta' impjegati dejjem jonqsu meta wieħed iqis il-kontijiet li huma ġestiti, għadhom jaffettwaw xi prijoritajiet. Fl-2006, il-Kummissjoni kompliet taħdem fi ħdan dawn ir-restrizzjonijiet billi poġġiet fuq nett fil-lista ta' prijoritajiet tagħha l-ġestjoni soda finanzjarja u l-kwalità tagħha.

- L-Għaxar EDF – ir-riskju ewlieni għal appoġġ tal-KE lil stati ta' l-ACP hija r-ratifika ta' l-Għaxar EDF minn stati ta' l-UE fil-ħin biex jibdew jiġu impenjati fondi mill-Għaxar EDF sa minn Jannar 2008, meta ma jibqgħux aktar disponibbli l-fondi mid-Disa' EDF.

- Għajnuna għall-kummerċ – il-Kummissjoni kompliet tagħti appoġġ sostanzjali; ara l-kaxxa:

Ġħajnuna għall-kummerċ: Kif il-Kummissjoni qed topera biex isseddaq it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fil-pajjiżi ACP

Biex il-pajjiżi ta' l-ACP jintrefgħu għal dejjem mill-faqar, dawn ikunu jridu jkabbru l-ekonomiji tagħhom, kif ukoll il-kummerċ Huwa għal dan il-għan li sa mill-2001 il-Kummissjoni pprovdiet:

aktar minn €850m biex reġjuni ta' l-ACP jingħataw għajnuna biex jintegra, jissaħħaħ il-kummerċ u jkollhom sehem akbar fis-swieq dinjija; dan jinkludi n-negozjar tal-Ftehimiet Ekonomiċi ta' Partenarjat (EPAs)

Aktar minn €35m biex l-istati ta' l-ACP jiġu mgħejuna jinnegozjaw aħjar ma' l-UE u mad-WTO;

€60m oħra biex l-istati ta' l-ACP ikunu jistgħu jfasslu politika dwar il-kummerċ aktar effettiva.

Il-Kummissjoni qed tipprovdi wkoll aktar minn €160m fi programmi biex ikun aktar faċili biex jitwaqqaf u biex jitkabbar in-negozju f'pajjiżi ta' l-ACP

3. SITWAZZJONI FINANZJARJA TAS-SITT SAD-DISA' EDFS, FI TMIEM IS-SENA 2006[1]

It-tabella ta' hawn taħt turi s-sitwazzjoni finanzjarja globali għas-Sitt sad-Disa' EDF fi tmiem l-2006. Ammont ta' €3.16 biljun ma kienx impenjat. Dan, flimkien ma' fondi diżimpenjati se jkun kollu impenjat qabel tmiem l-2007.

Tabella 1: Sitwazzjoni finanzjarja tas-sitt sad-disa' EDFs, fi tmiem is-sena 2006(€m)

Fondi allokati lil stati ta' l-ACP (bl-EDF)[2]			Fondi impenjati	Fondi minfuqa	Fondi/impenji pendenti		
Is-6-It-8	Id-9	Total, Is-6-Id-9			Fondi mhux impenjati	Impenji mhux minfuqa (RAL)	Total ta' fondi mhux minfuqa
A	b	c(a+b)	D	E	f(c-d)	G(d-e)	h(f+g)
29 044	15 565	44 609	41 446	31 165	3 163	10 281	13 444

4. IT-TWETTIQ TA' PROGRAMMI ACP B'MOD EFFETTIV U MINGĦAJR DEWMIEN: RIŻULTATI MQABBLA MA' L-GĦANIJIET FL-2006

Din is-sezzjoni turi sa fejn il-Kummissjoni rnexxielha tilħaq kull wieħed mill-għanijiet tagħha għall-EDFs. Hija telenka u tagħti informazzjoni dwar:

- L-għanijiet fis-sezzjoni ta' l-ACP tal-Pjan ta' Ġestjoni Annwali ta' EuropeAid, kif ukoll
- Indikaturi relevanti ċentrali tar-riżultati definiti mill-Bord ta' EuropeAid.

Iċ-ċifri użati biex jiġu stabbiliti l-miri għar-riżultati li għandhom jinkisbu minn EuropeAid, u l-informazzjoni OECD-DAC, jeskludu d-diżimpenji u l-ordnijiet ta' rkupru, għalhekk huma gross mhux netti. Bl-istess mod, ċifri f'din is-sezzjoni u fl-anness huma gross, sakemm ma jingħadx mod ieħor.

---

1 F'sezzjonijiet tlieta u erbgħa, iċ-ċifri dwar l-impenji u l-pagamenti jirriflettu korrezzjoni li l-Kummissjoni għamlet fl-2004 liċ-ċifri għall-pagamenti Stabex magħmula bejn l-2002 u l-2004.

2 Matul dan ir-rapport, iċ-ċifri – jinkludu l-kapital ta' riskju tal-Bank ta' l-Investiment Ewropew (EIB) u sussidji relatati fuq ir-rata ta' l-imgħax mis-sitt u d-disa' EDFs, peress li l-Kummissjoni għanha responsabbiltà kontabbli għal dawn il-fondi; - jeskludu l-Faċilità ta' Investiment ta' l-EIB, iffinanzjata mid-disa' EDF, peress li l-EIB għandu r-responsabbiltà tal-kontijiet tal-Faċiltià.

4.1. Żieda fil-kwalità, fl-impatt u s-sostenibbiltà tal-programmi

– Ħarsa mill-ġdid lejn il-programmi kollha fl-istadju ta' l-identifikazzjon u l-formolazzjoni

Il-Gruppi ta' Għajnuna għall-Kwalità ta' EuropeAid (QSGs) jevalwaw l-operazzjonijiet qabel ma dawn ikunu implimentati (ex-ante). Il-kopertura tal-QSG żdiedet bis-sħiħ fl-2006:

Tabella 2 Evalwazzjoni mill-QSG ta' proposti ta' iffinanzjar mill-EDF, 2006					
Proġett Stadju ċikliku	Indikatur		2005	2006	% ta' bidla, minn sena għall-oħra
Identifikazzjoni	Fiches *ta' identifikazzjoni evalwati*	Numru	84	156	+86%
		Valur (€m)	1270	2276	+79%
Formulazzjoni	Proposti ta' iffinanzjar riveduti	Numru	127	181	+43%
		Valur (€m)	3185	3094	-3%

EuropeAid tkejjel l-impatt tal-QSGs billi tuża proporzjon ta' kwalità. Dan huwa l-proporzjon ta' riżultati pożittivi u negattivi (A/B u C/D) mogħtija fl-istadju ta' l-identifikazzjoni u wara fl-istadju ta' formulazzjoni. L-għan ta' EuropeAid huwa dak li tiżgura li l-proporzjon ta' riżultati pożittivi jiżdied, u l-proporzjon ta' riżultati negattivi jonqos.

It-tabella ta' hawn taħt turi li r-reviżjonijiet QSG għenew biex tittejjeb il-kwalità tal-proposti għall-proġetti, sew fl-2006 kif ukoll minn sena għall-oħra:

- fl-2006, fl-istadju tal-formulazzjoni, imqabbel ma' l-istadju ta' identifikazzjoni ta' qabel;
- minn sena għall-oħra, fiż-żewġ stadji.

Tabella 3 Impatt tal-QSG fuq il-kwalità tal-proposti ta' proġetti EDF, 2005-06 -% ta' riżultati pożittivi u negattivi mogħtija f'kull stadju ta' reviżjoni				
Tip ta' riżultat	*2005*		*2006*	
	Identifikazzjoni	*Formulazzjoni*	*Identifikazzjoni*	*Formulazzjoni*
Riżultati pożittivi (A/B)	88	93	90	95
Riżultati negattivi (C/D)	12	7	10	5

Wara l-istadju ta' formulazzjoni, il-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-proposti, billi twettaq ir-rakkomandazzjonijiet tal-QSG qabel ma tibda l-implimentazzjoni.

– *Tkompli tinvesti f'appoġġ mill-baġit u għas-settur fejn ikun xieraq*

Ir-rapport ta' l-2005 kien qal li l-appoġġ ġenerali mill-baġit (GBS) u appoġġ lejn politika tas-settur (SPSs) kienet laħqet il-massimu dik is-sena. L-impenji globali laħqu l-€1,120 miljun.

Fl-2006, il-biċċa l-kbira tal-programmi ta' appoġġ mill-baġit tad-9 EDF kienu diġà għaddejjin. Għalhekk impenji ġodda ġew użati l-aktar biex jiġu indirizzati programmi li kien baqa' jew biex jitkompla l-iffinanzjar ta' programmi li għaddejjin, u dawn naqsu meta wieħed iqis ir-riżultat minn sena għall-oħra. Il-Kummissjoni approvat GBS fi tmien pajjiżi, li laħqu €198 miljun, u SPSPs f'16-il pajjiż, b'kollox *€421 miljun.*

L-appoġġ mill-baġit iżda baqa' sinifikanti: il-pagamenti fl-2006 kienu €431 miljun (ara t-tabella hawn taħt). Barra minn dan, il-Kummissjoni għadha qed tiddiskuti elementi ta' politika biex jitjieb l-appoġġ mill-baġit, sew ma' pajjiżi benefiċjarji kif ukoll f'fora konġunti ta' donaturi, bħal ma hu l-Proġett bi Sħab ta' l-OECD-DAC dwar il-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika.

Tabella 4 GBS u SPSPs ġodda fl-2006 (€m)						
Tip ta' programm	*Impenji*			*Pagamenti*		
	2005	*2006*	*% ta' bidla*	*2005*	*2006*	*% ta' bidla*
Appoġġ ġenerali mill-baġit	705	198	-72%	500	431	-14%
Programmi ta' appoġġ għall-politika tas-settur	416	421	1%	162	207	28%
Total	**1 120**	**620**	**-45%**	**662**	**638**	**-4%**

Fl-2006 il-Kummissjon ukoll:

- Mexxiet kważi nofs l-evalwazzjonijiet tal-Kontabbilità Finanzjarja dwar il-Finanzi Pubbliċi (PEFA) li saru f'24 pajjiż ta' l-ACP;
- irrevediet il-Gwida Metodoloġika għall-Appoġġ mill-Baġit – dan jipprovdi kriterji aktar ċari biex ikun jista' jiġi identifikat jekk pajjiż ikunx konformi mal-kriterji ta' eliġibbiltà qabel ma jiġu mħallsa l-fondi;
- kienet qed tħejji qafas biex tkun tista' tipprovdi għajnuna teknika lill-istituzzjonijiet supremi ta' verifika lil dawk il-pajjiżi li jkunu qed jibbenefikaw minn Appoġġ mill-Baġit.

– Partċipazzjoni attiva fir-Reviżjonijiet ta' tmiem il-perjodu u fl-ipprogrammar tad-9 EDF

Id-9 reviżjoni ta' tmiem il-perjodu ta' l-EDF wasslet għal aġġustamenti finali għal allokazzjonijiet bejn pajjiżi, reġjuni u setturi. EuropeAid, bid-Delegazzjonijiet, għandha issa tiżgura li l-fondi kollha tad-9 EDF ikunu impenjati sa qabel tmiem l-2007. Fl-istess ħin, beda l-ippjanar minn qabel għat-tnedija ta' l-10 EDF.

Barra minn dan, il-Kummissjoni rat kif tagħmel biex daħħlet indikaturi ta' prestazzjoni konkreti sa mill-bidu tal-proċess ta' pprogrammar ta' l-10 EDF. Hija għamlet dan billi rreferiet b'mod speċifiku għal indikaturi bħal dawn fil-:

(1) linji-gwida tagħha dwar l-ipprogrammar – dawn jirreferu wkoll għal:

– il-ħtieġa li tissaħħaħ il-ħila tal-pajjiżi sħab li jiġbru l-istatistika; kif ukoll
– l-għoti ta' għajnuna *online* biex delegazzjonijiet tal-KE ikunu jistgħu jidentifikaw indikaturi li huma l-aktar relevanti għalihom;

(2) Regolament ta' Implimentazzjoni tagħha (li qed tkun negozjata bħalissa) – dan jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm allineament ma' pajjiżi sħab ta' l-indikaturi PRSP;

(3) dokumenti ta' strateġija tagħha– dawn jinkludu:

– indikaturi ta' prestazzjoni li jkunu speċifiċi għas-settur
– l-impenn ta' l-istati ta' l-ACP biex titjieb il-governanza.

Dawn l-indikaturi jiddeterminaw id-daqs tal-partijiet ta' inċentiv u l-evalwazzjonijiet li jsiru f'nofs u fi tmiem il-perjodu se jevalwaw xi progress ikun sar.

– *Monitoraġġ*

Kull proġett iffinanzjat mill-EDF li jkun jiswa aktar minn €1 miljun jiġi evalwat minn uffiċjali esterni indipendenti. Dawn jagħtu marki lill-proġetti skond ħames kriterji: relevanza, effiċjenza, effettività, impatt u sostenibbiltà.

Sa tmiem is-sena 2006, kienu saru evalwazzjonijiet ta' 1,000 proġett bħal dan. Fl-2006 sabu li, bħala medja, il-programmi ta' l-ACP evalwati kienu sejrin kif ippjanat, jew aħjar (pereż.: laħqu marka ta' 2.5 jew aktar). Abbozz tar-riżultati juri li mill-2003, il-marki żdiedu.

Barra minn dan, il-Kummmissjoni talbet lill-uffiċjali biex jidentifikaw:

- ix-xejriet fir-riżultati mill-2003 skond is-sotto-reġjun ta' l-ACP u s-settur, bħal pereżempju l-infrastruttura;
- ir-raġunijiet li minħabba fihom proġetti b'konnessjonijiet mal-kummerċ naqsu minn sena għall-oħra bejn l-2005 u l-2006.

Il-programmi tal-futur tagħha se jkunu influwenzati minn dawn it-tendenzi.

– *L-Evalwazzjoni*

Fl-2006 il-Kummissjoni lestiet 13-il evalwazzjoni li jkopru għajnuna mill-KE lil pajjiżi ta' l-ACP. Il-proċess ta' l-ipprogrammar u t-tfassil ta' programmi fil-futur se jkunu influwenzati minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

Tabella 5 L-evalwazzjonijiet fl-2006 ta' għajnujna mill-KE lil pajjiżi u reġjuni ta' l-ACP

Tip ta' strateġija	*Pajjiż /reġjun*	*Tip ta' strateġija*	*Pajjiżi/reġjun*	*Settur*
Reġjonali	Afrika Ċentrali	Settorjali	Stati ta' l-ACP	Mikrofinanzi
Pajjiż	Il-Komoros			Tiswir ta' ħiliet fil-kummerċ
	Il-Mali		Stati ta' l-ACP u mhux ta' l-ACP	Koordinament bejn pajjiżi donaturi u sħab
	Il-Mawriżju			Ilma u ħarsien tas-saħħa
	L-Irwanda			Governanza tajba

	Is-Seychelles			Appoġġ ġenerali mill-baġit

Tabella 6 Rakkomandazzjonijiet ċentrali ta' l-evalwazzjonijiet fl-2006		
Strateġija reġjonali - C. L-Afrika:		It-tisħiħ tar-rabtiet ma' gruppi reġjonali ġirien (pereż: CEDEAO)
		It-titjib ta' kwalità ta' l-istudji dwar il-vijabbiltà
		L-ingaġġ ta' aktar persunal fid-delegazzjonijiet
Fil-pajjiżi speċifiċi:		Jintuża l-appoġġ tas-settur għal setturi ċentrali identifikati fl-NIPs
		Jiġu kkunsidrat id-dewmien prevedibbli biex jinħarġu struzzjonijiet u biex jinbdew ix-xogħlijiet
		Isir aktar investiment fl-iżvilupp ta' strateġija bbażata fuq it-tisħib
Settorjali – ACP biss	Il-Kummerċ	Il-koordinament ta' l-għajnuna għandu jsir aktar fil-qrib ma' l-istati membri ta' l-UE
		Jissaħħaħ il-proċess ta' Qafas Integrat
	Mikro finanzi	Pajjiżi fejn il-gvern lokali huwa dgħajjef jiġu favoriti.
		Jiġi żgurat li l-programmi jkunu koerenti ma' prijoritajiet nazzjonali/lokali
Settorjali - Stati ta' l-ACP u mhux ta' l-ACP	Appoġġ mill-Baġit:	Għandu jintuża l-aktar biex jissaħħaħ il-PFM u biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni
		L-għajuna tinġieb skond il-baġit kemm jista' jkun malajr
	Il-Governanza:	Tiġi inkluża riforma amministrattiva u PFM fil-PRSPs/CSPs/RSPs
		Jintużaw proġetti b'appoġġ għas-soċjetà ċivili, appoġġ mill-baġit għal PFM.

4.2. It-twassil ta' l-għajnuna aktar malajr

Fl-2006, l-impenji globali għal programmi ġodda laħqu l-mira tagħhom. L-impenji individwali, jiġifieri kuntratti għall-programmi approvati kif ukoll il-pagamenti, it-tnejn spiċċaw fi żmien tajjeb qabel iż-żmien maħsub, u dan kien rekord ġdid għall-EDF.

Tabella 7 Ċifri ta' prestazzjoni ta' l-EDF, 2002-06 *(€m)*

	2002	2003	2004	2005	2006	
					Mira	Reali
Impenji globali	2 125	3 769	2 648	3 511	3 400	3 408
Impenji individwali	2 436	3 062	3 038	3 057	3 250	3 654
Pagamenti	1 922	2 345	2 464	2 544	2 750	2 826

Sa mill-1990, sew l-impenji globali kif ukoll il-pagamenti żdiedu b'mod kostanti, ħaġa li tirrifletti implimentazzjoni aktar malajr.



– *Jinżamm stabbli l-ammont impenjat mhux minfuq (RAL), iffokat fuq il-kuntratti u impenji antiki u rieqda*

4.2.1.1. Jinżamm ir-RAL stabbli

Impenji mhux minfuqa (jew 'RAL' li tfisser *reste à liquider*) iridu jitħallsu skond ir-regoli ta' ġestjoni finanzjarja soda. Il-Kummissjoni żżomm attenzjoni kbira fuq ir-RAL kollha kemm huma. Kif ġie spjegat fir-rapport għall-2005, ir-RAL żdied darbtejn fl-2003 u fl-2005, peress li l-Kummissjoni approvat livelli għolja ta' impenji ġodda f'dawk is-sentejn.

Għall-2006, l-għan tal-Kummissjoni huwa dak li r-RAL jitqiegħed fuq livell stabbli, ekwivalenti għal dak ta' l-2005: €10 300 miljun. Minkejja livell għoli ta' impenji ġodda fl-2005 u fl-2006, ir-RAL inżammu stabbli, grazzi għal livell rekord ta' pagamenti mdaħħla fl-2006.

4.2.1.2. Iffukar fuq l-implimentazzjoni u impenji "qodma" u "rieqda"

L-implimentazzjoni fil-ħin hija kritika biex jintlaħqu l-għanijiet tal-programm. F'pajjiżi ta' l-ACP dan jista' jkun diffiċili, peress li l-istituzzjonijiet governattivi ħafna drabi huma dgħajfa. Madankollu, l-isforzi li għamlet dan l-aħħar il-Kummissjoni biex jittejjeb it-tfassil u l-ippjanar tal-proġetti, biex il-proċeduri jiġu razzjonalizzati u biex jissaħħu d-delegazzjonijiet, issa qed jagħtu l-frott.

Pereżempju, iż-żmien li ttieħed biex jiġu implimentati proġetti – imkejjel bil-proporzjon bejn ir-RAL u l-pagamenti annwali – niżel b'aktar minn 30% bejn l-2000 u l-2006.

Tabella 8 Ammont medju ta' snin meħud biex jiġu implimentati l-proġetti (proporzjon bejn ir-RAL u l-paagamenti annwali)

2000	*2001*	*2002*	*2003*	*2004*	*2005*	*2006*
5.5	4.8	4.4	4.1	4.0	4.1	3.6

Il-Kummissjoni kompliet ukoll tagħti attenzjoni speċjali lil RAL qadim u rieqed:

Tabella 9 L-evoluzzjoni ta' RAL qadim u rieqed, 2005-06

Indikatur		*Valur (€m)*			*Kummenti*
Isem	*Definizzjoni*	*1.1.06*	*31.12.06*		
			Mira	*Reali*	
RAL Qadim	Fondi kommessi aktar minn 5 snin ilu, mhux minfuqa	1 618	867	822	Kważi n-nofs fl-2006
RAL rieqed	Fondi kommessi iżda la mogħtija f'kuntratti u lanqas minfuq għal aktar minn sentejn	346	350	276	Jinkludu ħlas lill-programm HIPC

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kompliet bl-istrateġija tagħha li tiddiżimpenja l-impenji kollha pendenti fiż-żmien biex terġa timpenjahom sa tmiem l-2007. Il-Kummissjoni hija lesta biex tilqa l-mira tagħha għad-diżimpenn, iffissata għal tmiem Marzu 2007:

Tabella 10 Diżimpenji EDF, mill-1.1.2006 sa' l-1.3.2007				
Indikatur	**Definizzjoni**	**Valur (€m)**		
		2005	2006	
			Mira (sal-31.3.07)	Reali (sal-1.3.07)
Diżimpenji	Fondi li qabel kienu impenjati iżda mhux minfuqa, u li issa huma disponibbli għal programmi ġodda	476	923	871

L-Anness 1 jippreżenta d-dettalji ta' kif hija maqsuma l-evoluzzjoni ta' fondi mhux minfuqa mill-2002 lil hawn.

Barra minn dan, il-Kummissjoni:

- irkuprat €64 miljun f'pagamenti antiċipati li sussegwentement ma ntużawx
- nediet pjan ta' azzjoni biex iżżomm għajnejha fuq ordnijiet ta' rkupru u finanzjament minn qabel.
- L-Anness 2 juri t-totali għal:
- diżimpenji u ordnijiet ta' rkupru, kif ukoll
- impenji u pagamenti gross u netti

4.2.1.3. Jinfirxu l-impenji b'mod kemm jista' jkun indaqs matul is-sena kollha (jiġi evitat li lejn l-aħħar tas-sena jkun hemm konċentrazzjoni akbar)

Fl-2005 u fl-2006 il-Kummissjon ħadet passi biex l-impenji ġodda jinfirxu b'mod aktar indaqs matul is-sena milli fil-passat. Dan wassal biex fl-2006 il-konċentrazzjoni ta' l-EDF lejn l-aħħar tas-sena reġgħet naqset, bi 58% ta' l-impenji lesti sa tmiem Settembru, ftit biss taħt il-mira tas-60%.

4.2.1.4. Stabex[3]

Parti mir-RAL fiha impenji Stabex li għadhom ma ssarfux f'pagamenti. Il-Kummissjoni stabbiliet limiti ta' żmien stretti għall-ġestjoni tal-fondi Stabex:

Tabella 11: Stabex-limiti ta żmien tal-Kummissjoni	
Azzjoni	*Limitu ta' żmien (tmiem is-sena)*
Għall-approvazzjoni sħiħa ta' fondi allokati iżda mhux minfuqa	2007
Għall-kuntrattat kollu	2008
Għall-pagamenti kollha	2010

Il-fondi Stabex huma implimentati permezz ta' "Qafas għal Obbligi Reċiproki" (FMOs). Fl-2006, il-Kummissjon approvat 17-il FMO, li b'kollox kellhom il-valur ta' €500 miljun u ttrasferiet €190 miljun lejn kontijiet ta' firma doppja (ara hawn taħt).

Fil-kontijiet tagħha ta' l-EDF, il-Kummissjoni inkludiet tabella dettaljata Stabex li fiha l-bilanċ fi tmiem is-sena għal kull pajjiż li bbenefika[4].

[3] Stabex kien strument finanzjarju maħluq bil-Konvenzjoni ta' Lome (Artikolu minn 186 sa 212) maħsub biex iservi ta' kontrapiż għall-instabbiltà fid-dħul mill-esportazzjoni ta' stati ta' l-ACP. Il-Ftehim ta' Cotonou ħa post Stabex bi strument ġdid, Flex.

[4] Ara d-dokument bir-referenza SEC/2007/448

Madankollu, f'dan ir-rapport, iċ-ċifri Stabex mogħtija fl-Anness 7 huma bbażati sew fuq:
1. il-fondi Stabex kif miġjuba fil-kontijiet ta' l-EDF, kif ukoll fuq
2. id-dikjarazzjonijiet ta' tmiem is-sena ta' l-2006 dwar l-hekk imsejjħa 'kontijiet ta' firma doppja' tal-pajjiżi li jibbenefikaw (minn proprjetà ta' l-istat benefiċjarju ta' l-ACP ikkonċernat), li lejhom il-Kummissjoni diġà ttrasferit xi fondi Stabex.

Fl-2007 il-Kummissjoni se twettaq verifika ta' dawn id-dikjarazzjonijiet dwar il-kontijiet u b'hekk tiċċertifika s-sitwazzjoni Stabex fi tmiem is-sena 2006.

4.3. Il-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' operazzjonijiet ma' donaturi oħrajn

– *Konċentrazzjoni settorjali ta' l-EDF*

Il-Kummissjoni timmira l-infiq ta' l-EDF lejn setturi b'impatt għoli fuq il-faqar, u fejn il-Kummissjoni l-aktar li tista' żżid il-valur:

Tabella 12: Impenji EDF u pagamenti mis-settur OECD-DAC, 2006 (€m, gross)[5]

Settur	Impenji		Pagamenti	
	€m	% tat-total	€m	% tat-total
Edukazzjoni, saħħa, ilma, indafa bażika	1161	34%	836	29%
Trasport, komunikazzjoni, enerġija	933	27%	663	23%
Agrikoltura, sajd, kummerċ, industrija, turiżmu	368	11%	194	7%
Ambjent, kwistjonijiet oħra li jħaddmu diversi oqsma	324	10%	91	3%
Baġit u appoġġ għall-bilanċ tal-pagamenti[6]	219	6%	635	22%
Għajnuna għall-ħlas tad-dejn	0	0%	80	3%
Oħrajn, inkluż appoġġ għar-rikostruzzjoni	248	7%	163	6%
Spejjeż amministrattivi	154	5%	193	7%
Total	**3 408**	**100%**	**2826**	**100%**

– Iffinanzjar permezz ta' Organizzazzjonijiet Internazzjonali

Fl-2006 il-Kummissjoni kompliet taħdem mill-qrib mal-familja tan-NU u l-grupp tal-Bank Dinji. L-ammonti kkuntrattati fl-2005-06 baqgħu relattivament stabbli minn sena għall-oħra u kienu jammontaw għal madwar 11 % ta' l-ikkuntrattar totali tul dawn is-sentejn.

Fl-2006 il-Kummissjoni kkuntrattat:
- € 95 miljun mal-Bank Dinji, li minnhom € 62 miljun marru għall-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkoloži u l-Malarja;
- € 225 miljun mal-familja tan-NU.

L-Anness 3 juri l-impenji, il-kuntratti, il-pagamenti u l-fondi li għad iridu jitħallsu fi tmiem is-sena.

---

5 L-Anness 2 jagħti ċifri netti ta' l-EDF.
6 Din id-definizzjoni OECD-DAC tinkludi xi tipi ta' operazzjonijiet dwar is-sigurtà fl-ikel u ta' Stabex

Il-Kummissjoni wkoll kompliet taħdem ma' atturi mhux statali u mas-soċjetà ċivili, kif maħsub fl-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Cotonou.

4.4. Garanzija ta' ambjent ta' kontroll effettiv, u tal-kontabilità

– *Monitoraġġ mill-qrib tat-tranżazzjonijiet, permezz ta' l-użu ta' kampjuni*

Fl-2006, EuropeAid wieġbet għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti billi:

- tat ħarsa mill-ġdid lejn il-metodi ta' kontrol li tuża *ex-post*;
- naqqset is-sehem ta' pagamenti kkontrollati *ex-post* minn tlieta għal wieħed fil-mija;
- wessgħet l-ambitu tal-kontrolli *ex-post* u ddokumentathom aktar bis-sħiħ.

Tabella 13: Kontrolli *ex-post* tat-tranżazzjonijiet fl-2006 – pożizzjoni f'Jannar 2007		
	Għadd ta' l-operazzjonijiet	% tat-tranżazzjonijiet totali
Tranżazzjonijiet totali	21 654	100%
Tranżazzjonijiet li għalihom huma ppjanati kontrolli	215	1.0%
- kontrolli lesti (tranżazzjonijiet bejn Jan-Ġun 06)	95	0.4%
- kontrolli li għandhom isiru sa tmiem Apr 07 (tranżazzjonijiet Lul-Diċ 06)	120	0.6%

Barra minn dan, il-Kummissjoni:

- wettqet kontrolli *ex-post* ta' tranżazzjonijiet li wettaq l-uffiċjal awtorizzanti, minkejja r-riżervi li esprima l-uffiċjal ta' verifika finanzjarja;
- ġeddet tranżazzjonijiet u kontrolli interni fuq il-post f'ħames delegazzjonijiet ta' l-ACP identifikati permezz ta' analiżi ta' riskju.

– Segwitu ta' 100% tar-rakkomandazzjonijiet ċentrali ta' l-IAS

Tabella 14: Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-IAS		
Kategorija	*Rakkomandazzjoni*	*Progress sa tmiem is-sena 2006*
Viżi elettroniċi bħala evidenza ta' funzjonijiet AOS delegati	*Jiġi kkonfermat jekk OLAS jistax jirreġistra l-viżi elettroniċi*	*Il-konverżjoni minn OLAS għal CRIS/ABAC ġiet posposta għal tmiem l-2007. Għalhekk ma sar l-ebda progress minn Mar 06*
Prova ta' viżi fiċ-ċirkwiti finanzjarji ta' l-EDF	*Jiġu adattati l-viżi elettroniċi OLAS biex jikkonformaw ma' ċirkwiti ġodda*	*Il-"*Facturier*" il-ġdid ta' OLAS, imniedi fl-1.1.2007, ikopri ċ-ċirkwiti tal-viżi ta' l-Uffiċjali nkarigati mill-inizjazzjoni u mill-verifika*

4.5. L-implimentazzjoni ta' politika attiva dwar ir-riżorsi umani u t-titjib ta' proċessi interni

– *L-Implimentazzjoni ta' politika attiva dwar ir-riżorsi umani*

Il-moviment ta' impjegati minn u lejn ċerti Delegazzjonijet, għadd kbir ta' postijiet battala fihom, u livell baxx ta' impjegati meta wieħed iqabbel mal-kontijiet li huma ġestiti, għadhom jaffettwaw xi prijoritajiet. Fl-2006, il-Kummissjoni kompliet taħdem fi ħdan dawn ir-restrizzjonijiet billi poġġiet fuq nett fil-lista ta' prijoritajiet tagħha il-ġestjoni soda finanzjarja u l-kwalità.

Tabella 15: Rata ta' postijiet battala fl-EuropeAid Kwartieri ġenerali tad-direttorat ta' l-ACP u delegazzjonijiet ta' l-ACP, 2005-06			
Lokalità	Tip ta' persuna	Rata ta' postijiet battala fi tmiem is-sena	
		2005	2006
Delegazzjonijiet ACP	Uffiċjali	5%	7%
	Persunal ieħor	9%	9%
Kwartieri ġenerali (Direttorat ACP)	Uffiċjali	2%	0%
	Persunal ieħor	1%	1%

– *L-armonizzazzjoni u ssimplifikazzjoni ta' prassi u proċeduri fil-ġestjoni*

Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għad-9 EDF. Dan iħaffef il-proċeduri għall-ħidma ma' membri ta' l-UE u jirrifletti reviżjoni simili għar-Regolament Finanzjarju Ġenerali. Il-Kunsill adotta r-regolament finanzjarju rivedut ta' l-EDF f'Marzu 2007. Il-Kummissjoni beħsiebha tintroduċi aktar simplifikazzjonijiet fl-10 proċeduri tagħha ta' l-EDF.

– *Aktar żvilupp ta' sistemi ta' l-informatika u t-titjib tas-sistemi tal-kontabilità*

L-EDF għad irid jiġi integrat fil-CRIS. Barra minn dan, l-introduzzjoni ta' ABAC-FED ġiet posposta sa l-2008.

5. SEGWITU WARA L-KUMMENTI MILL-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI

5.1. Ir-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri (QA)

Tabella 16: Segwitu wara r-rakkomandazzjonijiet tal-QA (Tabella 3, Rapport Annwali tal-QA dwar l-EDFs, 2006)		
Ħruġ	*Azzjoni meħtieġa*	*Azzjoni meħuda sa tmiem l-2006*
1. Il-ħlasijiet bil-quddiem, irkupru, dejn dubjuż	Jittejjeb il-monitoraġġ ta' ħlas bil-quddiem mhux ikklerjat	Il-Kummissjoni fl-2006 neditet pjan ta' azzjoni għall–monitoraġġ ċentrali ta' ordnijiet ta' rkupru u ta' prefinanzjar
2. Fondi Stabex	Jinkisbu aktar ċifri affidabbli għall-fondi fil-banek	Il-Kummissjoni qed tħejji inventarju aġġornat tal-fondi kolllha fl-Ewropa u fl-istati ACP
	Jinkisbu rapporti dwar l-użu tal-fondi	Il-Kummissjoni rċeviet 38 minn 39 rapport li kellhom jidħlu fl-2006
3. L-immaniġġjar tar-riskju	Jiġu identifikati riskji speċifiċi għall-istati ta' l-ACP	Id-direttorat ta' l-ACP ta' EuropeAid fassal reġistri tar-riskji li huma speċifiċi għall-ACP għal-2006 u l-2007
	Jittejjeb l-analiżi tar-riskju għal eżerċizzji ta' verifika ta' l-IAC	Fl-2006 AIDCO ħejja pjan ta' verifika kontinwa, ibbażat fuq ir-riskju, għall-2007-09, u bagħtu lill-IAS u lill-Qorti.
	Jittejjeb l-analiżi tar-riskju għal eżerċizzji ta' verifika esterni (Kwartier ġenerali u delegazzjonijiet)	Il-Pjan ta' Verifika Annwali tad-Direttorat ACP ta' EuroeAid għall-2007 ikopri l-verifiki esterni kollha fid-delegazzjonijiet u fil-kwartier ġenerali. L-unità tal-kuntratti u l-iffinanzjar tad-direttorat (c5) ħarġet linji-gwida dwar l-analiżi tar-riskju, kif ukoll struzzjonijiet imfassla mill-unità tal-metodoloġija tal-verifika ta' EuropeAid (G2)
	Tittejjeb l-analiżi tar-risju għal kontrolli *ex-post*	L-unità tal-metodoloġija tal-verifika ta' EuropeAid (G2) wettqet analiżi tar-riskju għad-DG kollu tad-daqs tal-kampjun u tat-tipi ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu vverifikati.
4. Kontrolli *expost*	Tittejjeb id-dokumentazzjoni	Għall-eżerċizzju ta' l-2006, EuropeAid ħejjiet dokumentazzjoni sħiħa u rat li jkun hemm segwitu sistematiku.
5. Verifika	Titjieb il-verifika CRIS	Fit-tweġiba tagħha għall-EARM ta' l-2006, il-kwartier ġenerali fakkar lid-delegazzjonijiet dwar in-nota ta' istruzzjonijiet tad-Direttur Ġenerali li fiha saħaq dwar l-importanza tal-Verifika CRIS.
	L-użu tal-Verifika CRIS biex il-verifika esterna tkun taħt superviżjoni aħjar	

5.2. Rapporti Speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri

Tabella 17: Appoġġ għall-baġit ta' l-EDF - aspetti ta' finanzjar pubbliku (no. 2/2005, fid-Diskariku EDF ta' l-2004, para. 55)			
Nr u.	***Żona***	***Rakkomandazzjoni***	***Azzjoni meħuda fl-2006***
55	Gwida Metodoloġika	Aġġornament u rapporti sħaħ, inkluż tal-monitoraġġ	Il-Kummissjoni aġġornat il-Gwida Metodoloġika tagħha: - definizzjonijiet aktar ċari - benefiċċji u riskji potenzjali - kriterji għall-eliġibilità aktar ċari - passi prattiċi sabiex jitħejjew u jiġu implimentati l-programmi - gwida dwar l-użu ta' l-istrument ta' evalwazzjoni PEFA Id-delegazzjonijiet għandhom iħejju rapport kull sena dwar is-sitwazzjoni tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Il-Kummissjoni irrevediet ukoll - il-forma tal-Fiches ta' identifikazzjoni - il-listi użati biex jiġu kkontrollati l-Fiches u l-Proposti dwar l-Iffinanzjar.
	Eliġibbiltà	Tingħata evidenza aktar ċara ta' l-eliġibbiltà tal-pajjiżi	Evidenza ta' konformità ma' kriterji ta' l-eliġibbiltà hi: - evalwata fl-istadji ta' identifikazzjoni u l-formulazzjoni; - meħtieġa qabel ma l-fondi ikunu mqassma.
	Indikaturi	L-użu ta' indikaturi tal-prestazzjoni aktar inċentivati fejn jidħlu l-finanzi pubbliċi	- Il-Kummissjoni u donaturi oħra lestew il-qafas dwar il-Kontabililtà Finanzjarja dwar il-finanzi pubbliċi (PEFA) fl-2005. - Il-Kummissjoni qed tuża l-PEFA minflok l-istrumenti li għandha bħalissa, u qed tagħmel kważi nofs l-evalwazzjonijiet tal-PEFA ta' l-2006. - Il-KE ukoll qed tkompli tuża l-inizjattiva komuni OECD/DAC dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi
		L-użu ta' l-istrument ġdid tal-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-finanzi pubbliċi	
	Koordinazzjoni	Kooperazzjoni lokali akbar	
	Istituzzjonijiet ta' l-istati ta' l-ACP	Jissaħħu r-relazzjonijiet ma' parlamenti u ma' istituzzjonijiet supremi tal-verifika (SAI)	Il-Kummissjoni qed: - tfassal nota biex tippromwovi appoġġ tekniku għas-SAIs; - tiddiskuti kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħal ma hi l-INTOSAI.

Anness 1: Evoluzzjoni ta' impenji EDF mhux minfuqa ("RAL", 2001-06 (€m)

Tip ta' impenn mhux minfuq *(jew 'RAL')*		***Miżura***		***Sena***										
				2002		***2003***		***2004***		***2005***		***2006***		
				1	*31*	*1*	*31*	*1*	*31*	*1*	*31*	*1*	*31*	
				Jann	*Diċ*	*Jann*	*Diċ*	*Jann*	*Diċ*	*Jann*	*Diċ*	*Jann*	*Diċ*	
L-Istatus	*Magħruf bħala*												*Mira*	*Attwali*
≥5 ħames snin	'RAL qadim'	Impenjati qabel	'95	520	429	429	323	323	253	253	141	141	45	37
		Impenjati fi	'95	245	183	183	118	118	72	72	49	49	25	22
			'96	319	210	210	145	145	91	91	54	54	25	21
			'97	-		194	156	156	128	128	112	112	90	86
			'98	-				427	286	286	181	181	75	78
			'99							692	488	488	295	287
			2000	-								593	220	290
		Total	€m	1 084	822	1 016	743	1 170	829	1 521	1 025	1 618	867	822
		Bidla fit-total fuq sena	€m		-262		-273		-341		-496			-796
			%		-24%		-27%		-29%		-33%			-49%
Inattiv għal ≥2 snin	'RAL rieqed'	Total	€m	389	449	449	261	255	513	459	487	346	350	276
≥5 ħames snin u/jew inattiv għal ≥2 snin	'RAL qadim u/jew rieqed'	Total	€m	1 473	1 271	1 465	1 004	1 425	1 342	1 980	1 512	1 964	1 125	1097
		Bidla fit-total fuq sena	€m		-202		-461		-83		-468			-867
			%		-14%		-31%		-6%		-24%			-44%
Total, ta' kull tip	'RAL totali'	Is-snin kollha	€m		8 728		9 842		9 779		10 324			10 281

Anness 2: Impenji globali ta' l-EDF għall-appoġġ ġenerali tal-baġit, 2002-06 (€m)

Pajjiż	*2002*	*2003*	*2004*	*2005*	*2006*
Il-Benin		55.0			18.4
Il-Burkina Faso	125.0			151.5	
Il-Burundi	22.6		43.6	7.82	
Il-Kamerun					
Cape Verde			5.8	12.5	
Ir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali	4.4				4.0
Iċ-Ċadd		50.0			
Il-Kosta ta' l-Avorju	40.0				
Ir-RD tal-Kongo	5.5	106.0			
Ir-Rep. Tal-Kongo				30.45	
Dġibuti					
Ir-Repubblika Domenikana					38.0
L-Etjopja	44.1		95.0		
Il-Gabon					
Il-Gambja					
Il-Gana		5.0	62.0		
Il-Gwinea					
Gwinea (Bissau)				6.0	
Il-Gujana			23.3		
Haïti					10.2
Il-Ġamajka	30.0		25.0		
il-Kenja			125.0		
Lesoto					
Il-Madagaskar	70.0		35.0	55.0	
il-Malawi				41.5	34.0
Il-Mali		132.9			21.1
Il-Mawritanja					
Il-Możambik	168.0	16.4		95	
In-Niġer	20.0	90.0		70.0	
Il-Papwa Ginea Ġdida					
Ir-Rwanda		55.1		36.0	
São Tomé és Príncipe					
Is-Senegal			53.0		
Sjerra Leone				50.0	
It-Tanżanija		114.0		57.0	
Turks & Caicos					10.6
L-Uganda				92.0	
Vanuatu			1.7		
Iż-Żambja		117.0			62.0
Ammont totali	**529.6**	**741.4**	**469.4**	**704.8**	**198.3**
% ta' impenji globali annwali ta' l-EDF	25%	20%	18%	20%	6%

Anness 3: Impenji ġodda globali ta' l-EDF, GBS u SPSP, 2006 (€m)

Tip ta' Programm	*Tip ta' iffinanzjar*	*Pajjiż li jirċievi*	*Settur*	***Ammont***	
				Mira	*Ir-riżultat*
Ġenerali Appoġġ mill-baġit (GBS)		Il-Benin	Budget Appoġġ:		18
		Ir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali			4
		Ir-Repubblika Domenikana			38
		Haïti			10
		il-Malawi			34
		Il-Mali			20
		Il-Mali			1.1
		Turks & Caicos			11
		Iż-Żambja			62
		Sotto-total, appoġġ makroekonomiku mill-baġit		**262**	**198**
Programmi ta' appoġġ ta' settur ta' politika (SPSs)	Baġit settorjali Appoġġ (SBS)	L-Angwilla			8
		L-Angola	Ilma		7
		Il-Burkina Faso			2
		Ir-Repubblika Domenikana	Edukazzjoni		48
		L-Etjopja	Infrastruttura		155
		Il-Gżejjer Falklands	Kummerċ		3
		Il-Grenada	Kummerċ		7
		Gwinea-Bissau			6
		Il-Mawrzju	Ilma		10
		Montserrat			11
		Il-Możambik			35
		St Pierre u Miquelon,			13
		St Helena			16
		It-Tanżanija	Edukazzjoni		44
		Trinidad u Tobago	Edukazzjoni		27
		Iż-Żambja	Infrastruttura		20
		Iż-Żambja	Saħħa		10
		Sotto-total, SBS		**616**	**421**
	Iffinanzjar standard tal-proġetti	Il-Benin	Infrastruttura		40
		Dġibuti			11
		L-Etjopja	Infrastruttura		60
		Il-Gabon	Infrastruttura		14
		Il-Gana			10
		Il-Gana	Infrastruttura		5
		Lesoto	Saħħa		12
		il-Liberja	Edukazzjoni		12
		il-Malawi	Infrastruttura		8
		Il-Madagaskar	Infrastruttura		13
		Il-Madagaskar	Infrastruttura		23
		In-Niġer	ĠUSTIZZJA		6
		In-Niġer			6
		In-Niġer			12
		Ir-Rwanda	Infrastruttura		35
		Sotto-total, proġetti standard		**335**	**266**

	Sotto-total, SPSPs	**951**	**687**
Total		**1213**	**885**

Anness 4: Impenji u pagamenti nett, 2006 (€m)

Impenji globali	*Impenji globali ġodda*	*3 408*
	Diżimpenji	*-689*
	Impenji globali netti	*2 719*
Impenji individwali	*Kuntratti ġodda (gross)*	*3 654*
	Kuntratti diżimpenjati.ikkanċellati	*-581*
	Impenji individwali netti	*3 073*
Pagamenti	*Pagamenti ġodda (gross)*	*2 826*
	Irkupri u korrezzjonijiet irċevuti [7]	*-64*
	Pagamenti netti	*2 762*

Anness 5: Kontribuzzjonijiet ta' l-EDF lin-NU u lill-Grupp tal-Bank Dinji, 2005-06 (€m)

Destinatarji		*2005*	*2006*			
		Impenji ġodda	*Impenji ġodda*	*Ikkuntrattati*	*Imħallsa*	*Għad iridu jitħallsu*
Familja tan-NU	FAO	6.4	13.1	2.1	0.8	1.3
	ILO	5.5				
	UNCTAD		2.9	2.9	1.2	1.7
	UNDP	87.8	110.6	108.8	80.5	28.3
	Uffiċċji rapp. tal-UNDP			2.4	1.4	1.0
	UNESCO	0.3	0.1			
	UNFPA		19.6	19.6	10.1	9.5
	UNICEF	42.4	39.2	40.3	14.8	25.4
	UNIDO	1.2				
	UNO Ġinevra			0.2	0.1	0.0
	UNO Vjenna	24.7				
	UNOPS	2.7	0.1			
	WFP	34.7	13.8	22.0	19.7	2.3
	WHO	6.5	24.8	24.8	3.4	21.5
	Sotto-total	212.2	224.2	223.0	132.0	91.0
Grupp tal-Bank Dinji		149.0	94.5	94.0	75.9	18.1
Total		**361.2**	**318.7**	**317.0**	**207.9**	**109.1**

[7] Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja ta' l-EDF turi l-irkupri u l-korrezzjonijiet irċevuti.

Anness 6: Impenji globali tal-EDF skond l-istrument ta' programmar u ta' iffinanzjar, tmiem l-2006 (€m)

EDF							*Ghajnuna li m'hijiex ipprogramata*					*Total*
		Apoġġ mhux mill-baġit (proġetti)	*Appoġġ mill-baġit*			*Sotto-total ta' ghajnuna programmata*	*Kontribuzzjonijiet finanzjarji*		*Appoġġ ghall-esportazzjoni*		*Sotto-total ta' ghajnuna mhux programmata*	
			Ġenerali	*Settorjali*	*Sotto-total appoġġ mill-baġit*				*Srabex, Flex*	*Sysmin*		
6	€m	5,158.06	60.73	-	60.73	5,218.79	540.71	-	1,451.12	128.10	2,119.93	7,338.72
	% tat-total	70%	1%		1%	71%	7%		20%	2%	29%	100%
7	€m	6,003.90	1,626.21	-	1,626.21	7,630.11	839.01	40.00	1,702.69	443.11	3,024.81	10,654.92
	% tat-total	56%	15%		15%	72%	8%	0%	16%	4%	28%	100%
8	€m	5,992.27	1,778.55	253.61	2,032.16	8,024.43	1,134.27	1,060.00	717.35	114.24	3,025.86	11,050.29
	% tat-total	54%	16%	2%	18%	73%	10%	10%	6%	1%	27%	100%
9	€m	8,721.10	1,974.56	956.68	2,931.24	11,652.34	-	630.00	119.64	-	749.64	12,401.98
	% tat-total	70%	16%	8%	24%	94%		5%	1%		6%	100%
Kollha, 6-9	€m	25,875.33	5,440.05	1,210.29	6,650.34	32,525.67	2,513.99	1,730.00	3,990.81	685.45	8,920.24	41,445.91
	% tat-total	62%	13%	3%	16%	78%	6%	4%	10%	2%	22%	100%

Anness 7: Stabex – sitwazzjoni pajjiż pajjiż, fi tmiem is-sena 2006 (€)

Pajjiz benefiċjarju	*Impenji globali*	*Impenji individwali*	*Bilanċ li għad għandu..*		
			Jiġi kkuntrattat (RAC)[8]	*...jitħallas (RAP)*	*...jiġi likwidat (RAL)*
	(1)	(2)	(3)=(1) - (2)	(4) = (5) - (3)	(5)
Il-Benin	2,281,022	2,274,819	6,203	210,867	217,070
Il-Burkina Faso	9,126,422	9,101,820	24,602	757,332	781,934
Il-Burundi	75,401,955	36,929,953	38,472,002	-8,009,429	30,462,573
Il-Kamerun	308,716,655	308,574,512	142,143	19,396,040	19,538,183
Cape Verde	2,365,206	1,937,563	427,643	809,913	1,237,556
Ir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali	18,774,155	16,137,220	2,636,935	1,136,767	3,773,702
Iċ-Ċadd	14,032,940	12,948,972	1,083,968	514,161	1,598,129
Il-Komoros	8,057,525	7,957,741	99,784	1,753,994	1,853,778
Il-Kosta ta' l-Avorju	366,657,647	364,907,313	1,750,334	46,146,487	47,896,821
Dominika	41,818,410	42,084,082	-265,672	268,921	3,249
Il-Ginea Ekwitorjali	2,471,789	1,435,472	1,036,317	157,233	1,193,550
L-Etjopja	239,688,822	238,825,667	863,155	67,087	930,242
Gambja	5,306,334	3,720,104	1,586,230	200,396	1,786,626
Il-Gana	59,796,247	59,796,247	0	4,615,374	4,615,374
Il-Grenada	8,756,549	7,436,088	1,320,461	1,905,307	3,225,768
Gwinea-Bissau	1,775,942	762,844	1,013,098	-18,326	994,772
Haïti	38,430,119	38,430,119	0	0	0
Il-Ġamajka	10,150,868	9,489,254	661,614	135,551	797,165
il-Kenja	195,083,412	198,235,985	-3,152,573	63,860,715	60,708,142
Kiribati	908,379	908,379	0	271,853	271,853
Lesotho[9]	6,333,600	6,333,600	0	312,928	312,928
Il-Madagaskar	91,191,845	90,744,189	447,656	18,353,465	18,801,121
il-Malawi	23,173,151	22,552,308	620,843	3,835,856	4,456,699
Il-Mawritanja	38,936,337	11,513,882	27,422,455	0	27,422,455
Il-Możambik	4,488,494	0	4,488,494	0	4,488,494
Il-Papwa Ginea Ġdida	85,402,166	95,158,547	-9,756,381	10,721,389	965,008
Ir-Rwanda	66,621,918	22,996,883	43,625,035	-28,637,197	14,987,838
Samoa	13,654,244	6,555,971	7,098,273	-7,078,081	20,192
Is-Senegal	77,737,318	51,245,000	26,492,318	26,791,515	53,283,833
Sierra Leone	15,267,927	15,267,927	0	4,378,326	4,378,326
Il-Gżejjer Solomon	91,990,577	126,856,928	-34,866,351	53,733,059	18,866,708
St. Lucia	79,815,963	60,788,987	19,026,976	1,424,808	20,451,784
St. Lucia	76,199,758	72,123,084	4,076,674	10,026,867	14,103,541

[8] Għal Dominika iċ-ċifra hija fin-negattiva peress li FMOs ġodda emendaw FMOs qodma, ħaġa li wasslet għal allokazzjoni żejda ta' fondi. Għal pajjiżi oħra, iċ-ċifri negattivi ġejjin minħabba diżimpenji.

[9] Bħalissa qed issir verifika tal-fondi fi tmiem is-sena 2006, għaldaqstant iċ-ċifri li jidhru hawn huma għal tmiem is-sena 2005.

Is-Sudan	201,054,264	201,054,264	0	176,801,045	176,801,045
It-Tanżanija	104,137,377	102,929,859	1,207,518	16,269,276	17,476,794
Togo	34,027,821	44,165,571	-10,137,750	26,810,251	16,672,501
L-Uganda	218,440,992	218,440,991	1	41,530,336	41,530,337
Vanuatu	5,032,066	3,959,176	1,072,890	-995,990	76,900
Iż-Żimbabwe	60,372,275	31,720,308	28,651,967	-7,768,681	20,883,286
Total	**2,703,478,491**	**2,546,301,629**	**157,176,862**	**480,689,415**	**637,866,277**